MALTA

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D

Illum 10 ta' Mejju 2022

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Xerri)

Vs

Steve Scicluna

**Kump No : 211/2020**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Steve Scicluna**, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru **0126876**, fejn gie akkuzat talli fid-19 ta' Awwissu, 2019 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (1930hrs) ġewwa Triq Birkirkara f'San Ġiljan:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed l-ħajja ta' **Danuska Emanuela Iwona Camilleri** f'periklu ċar, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura ħafifa; *Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; *Artikolu 183 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. Xjentament għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza; *Artikolu 184 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri ta' dan il-każ, u dan ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju 2020 (ara folio 8);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat**;

Illi x-xhieda li xehedu f'dawn il-proceduri ipprovdew biss prova marginali ghall-kaz tal-prosekuzzjoni.

Inoltre, ix-xhud principali, l-allegata vittma, mhux biss irrinunzjat ghall-proceduri kriminali istitwiti (ara kopja ta` email mibghuta mill-istess allegata vittma lill-ufficjal prosekutur u li giet esebita in atti), izda fl-ebda hin ma hadet il-pedana u din il-Qorti hija priva minn depozizzjoni minn naha taghha.

Dan ix-xenarju irrenda l-kaz tal-prosekuzzjoni bhala wiehed mhux sostenibbli fil-ligi.

**Konkluzjoni.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL STEVE SCICLUNA MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur